**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-02 – Laqgħa b'Urġenza

L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2024. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ħadd | |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

**02.01** **Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

01.01.01 Is-SE informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**02.02** **Jum Paola 2024**

02.02.01 Is-Sindku beda l-laqgħa billi nforma li kienet ix-xewqa tiegħu li Jum Paola jibda jiġi ċċelebrat fil-ġurnata proprja tiegħu jiġifieri fl-20 ta' Lulju jew f'ġurnata viċin din id-data (jiddependi mill-Festa ta' Kristu Re). Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Huwa qal li din is-sena Jum Paola ser jaħbat is-Sibt u għalhekk kien qed jipproponi li ssir quddiesa fil-Knisja Kristu Re fis-6:30 pm u li tkun bil-Kor. Huwa qal li wara l-quddiesa għandu jingħata Ġieħ Paola u r-rikonoxximenti fuq iz-zuntier tal-Knisja. Hawnhekk il-mikrofoni intfew sakemm il-membri ddiskutew l-ismijiet tal-persuni għal Ġieħ Paola u r-Rikonoxximenti. Kien hemm qbil li filwaqt li r-rikonoxximenti jingħataw lill-4 Kunsillieri li servew fl-aħħar Kunsill u li llum ma għadhomx jagħmlu parti mill-Kunsill, kien hemm qbil li l-Ġieħ jingħata lil Dun David Borg, Kappillan tal-Parroċċa ta' Lourdes għal ħidma tiegħu fil-parroċċa minn meta laħaq Kappillan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Kien hemm qbil li mal-ħruġ tan-nies mill-Knisja, dawn jingħataw *Hors d'Oeuvres* u *drink* u wara jingħata l-Ġieħ u r-rikonoxximenti. Għal dan il-għan kien hemm qbil li jintrema palk fuq iz-zuntier, tinħareġ l-istatwa ta' De Paule, jiġu mistiedna rappreżentanti tal-għaqdiet tal-raħal, jitqabbad *compere* kif ukoll persuna sabiex tieħu r-ritratti tal-okkażjoni. Kien hemm qbil li wara ċ-ċerimonja, l-membri tal-Kunsill kif ukoll dawk li ser jingħataw Ġieħ Paola u r-Rikonoxximenti jibqgħu għal ikla li ser tkun qed issir fi Pjazza De Paule u l-Kunsill jisponsorja *band* mużikali għall-okkażjoni. Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li jiġu ordnati bnadar ta' Malta, tar-raħal u ta' De Paule sabiex jintramaw mal-arbli mir-*roundabout* ta' Sare' sal-Pjazza, fi-Pjazza Antoine De Paule u mar-*roundabout* ta' Moran. Kien hemm qbil ukoll li l-għaqdiet jingħataw donazzjoni talli ser jintużaw l-arbli tagħhom.

**02.03** **Attivitajiet matul Lulju 2024**

02.03.01 Is-Sindku nforma li aktar kmieni llum, flimkien mas-SE kien attenda għal laqgħa li ssejħet mill-Pulizija dwar il-festa fejn ġew spjegati lilna l-kundizzjonijiet tal-Pulizija għal din is-sena fosthom li min ma jkollux liċenzja tal-*Wines & Spirits*, ma jkunx jista' jarma bar barra. Huwa qal li bħas-soltu l-Kunsill ser jieħu ħsieb li jsir it-tindif wara kull-attività kif ukoll il-kiri ta' *Mobile Toilets*. Huwa qal ukoll li kien ser jitlob lil dawk li jarmaw il-Monti sabiex lejliet il-festa l-monti ma' jarmax b'rispett lejn ir-residenti.

02.03.02 Il-Kunsillier Camilleri ssuġġerixxa illi sabiex titqajjem atmosfera fis-Sajf, il-Kunsill għandu jikkollabora mal-għaqdiet tar-raħal billi jisponsorja sa mhux aktar minn € 500 sabiex jithallas l-*entertainment* għal żewġ okkażjonijiet fis-sena. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Lynch, ġie deċiż li dawn l-attivitajiet irid ikollhom

attendenza ta' mhux inqas minn 100 ruħ sabiex il-Kunsill iħallas l-ammont imsemmi. Dwar dan kien hemm qbil.

**02.04 Tmiem tal-laqgħa**

01.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:05 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |